

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel

2006/2018(BUD)

13.9.2006

ABOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel

għall-Kumitat għall-Baġit

dwar l-abbozz ta' baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja
2007
(C6-0000/2006 - 2006/2018(BUD))

Sezzjoni III - Kummissjoni

Draftsman: Jutta D. Haug

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni tiegħu għal rizzoluzzjoni:

1. Jinnota li l-impatti prattiċi tal-qafas finanzjarju plurijennali l-ġdid isiru evidenti fl-Abbozz Preliminari tal-Baġit għall-2007; jinnota li r-rikonċiljazzjoni ta' l-oġettivi tal-politika mal-fondi li saru disponibbli fil-qafas finanzjarju tippreżenta sfida konsiderevoli; Jitlob lill-Istati Membri sabiex fid-dawl tal-qafas finanzjarju limitat ferm, b'mod partikulari fil-qasam ta' l-ambjent, is-saħħa pubblika u s-sikurezza ta' l-ikel, jużaw il-possibilitajiet nazzjonali tagħhom b'mod sħiħ u jirrimedjaw nuqqasijiet li jista' jkun hemm;
2. Iqis li s-sitwazzjoni hija waħda partikularment inkwetanti fil-qasam tal-politika għas-saħħa pubblika u għas-sikurezza ta' l-ikel fejn iż-żewġ aġenziji, li għadhom fil-fażi ta' żvilupp tagħhom, l-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Ikel (l-EFSA) u ċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (l-ECDC), jassorbu l-parti l-kbira tal-fondi disponibbli u b'hekk il-Programm għas-Saħħa l-ġdid ċarament jispiċċa ħafna agħar milli kien fl-2006; jiddeplora l-fatt li l-pożizzjoni espressa mill-Parlament fl-ewwel qari tiegħu tal-Programm għas-Saħħa, li permezz tagħha l-programm kellu jingħata prijorità finanzjarja u politika, ma kinitx rispettata mill-Kummissjoni, imma jirrikonoxxi r-restrizzjonijiet ikkawżati mill-marġini dejjaq permiss fl-Intestatura 3b;
3. jenfasizza n-nuqqas ta' bilanċ li nħoloq permezz tal-proposta tal-Kummissjoni wara l-iffirmar tal-ftehim dwar il-qafas finanzjarju plurijennali ġdid ta' l-UE fit-tqassim tal-fondi tat-taqsim 3b bejn il-Programm tas-Saħħa u l-miżuri l-oħra ta' l-istess taqsim, liema diskrepanza tmur kontra l-prinċipji tal-ġerarkija tal-prijoritajiet, tal-proporzjonalità u tat-tqassim ġust;
4. jirreferi għad-diskrepanza konsiderevoli li teżisti fl-allokazzjoni tal-fondi, bejn is-suġġeriment oriġinali tal-Kummissjoni għall-programm tas-saħħa (€ 969 miljun) u s-suġġeriment modifikat tagħha (€ 365.6 miljun), li jfisser tnaqqis ta' 62% tal-fondi, u b'hekk ma ġietx meqjusa l-pożizzjoni li kien ħa l-Parlament fl-ewwel qari li, għalkemm kien jaf dwar in-nuqqas ta' fondi tal-baġit, talab żieda ta' 55% fil-fondi għall-Programm tas-Saħħa, jiġifieri għal 1.5 biljun Euro.
5. jitlob li t-tqassim tal-fondi jiġi rivedut bil-għan li l-fondi għall-Programm tas-Saħħa jiżdiedu, sabiex li jiġu sodisfatti l-bżonnijiet li rriżultaw mit-tkabbir ta' l-Unjoni u mill-isfidi f'dan il-qasam;
6. Jiġbed l-attenzjoni għall-problema ġenerali relatata ma' l-aġenziji deċentralizzati, li b'mod naturali huma intitolati li jkollhom finanzjar xieraq sabiex iwettqu l-kompiti tagħhom, imma li fl-istess ħin iħallu inqas u inqas flus għal attivitajiet oħra tal-Komunità; jitlob li jsir skrutinju bir-reqqa tal-kompiti ta' l-aġenziji, ta' l-attivitajiet imwettqa mill-Kummissjoni u ta' l-attivitajiet iffinanzjati mill-programmi plurijennali, sabiex tkun evitata d-duplikazzjoni u biex ikun żgurat li l-kompiti meħtieġa jitwettqu bl-aktar mod effiċjenti għan-nefqa u bl-aktar mod razzjonali possibbli; jirreferi għall-fatt li l-għbir ta'

ħlas għal spejjeż amministrattivi ġġenerat minn applikazzjonijiet għal awtorizzazzjonijiet awtorizzazzjoni tista' tkopri parti mill-iffinanzjar ta' l-aġenziji;

7. Jirrimarka li l-leġiżlazzjoni li għadha kif ġiet adottata (mediċini pedjatriċi) u dik li se tiġi adottata (prodotti mediċinali ta' terapija avanzata) u politiki ġodda oħra, bħal m'huma attivitajiet relatati ma' pandemiċi, se jżidu t-tagħbija ta' xogħol u kompiti lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (l-EMA); jisħaq li l-Aġenzija għandha tingħata mezzi finanzjarji biżżejjed sabiex tkun tista' tlaħħaq ma' dawn il-kompiti ġodda;
8. Jikkunsidra li sabiex l-EMA tkun f'pożizzjoni li timplimenta l-leġiżlazzjoni l-ġdida Pedjatrika, li tidħol fis-seħħ fl-aħħar ta' l-2006, u li għadha ma ġietx ikkunsidrata fil-proposta tal-Kummissjoni għall-2007, il-baġit totali ta' l-EMA għall-2007 hemm bżonn li jżidded;
9. Jilqa' b'sodisfazzjon iż-żieda fl-attenzjoni mogħtija lill-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ambjentali f'oqsma ta' politiki oħrajn, b'mod partikulari taħt l-Intestatura 1a (miżuri għall-eko-innovazzjoni fi ħdan il-qafas tar-Riċerka u tal-Programm għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni) u taħt l-Intestatura 4 (Programm tematiku għall-ambjent u l-immaniġġjar sostenibbli tar-riżorsi naturali); jistenna b'ħerqa r-riżultati konkreti li għandhom joħorġu minn dan l-approċċ; jirrimarka li dan l-approċċ m'għandux, però, iwassal biex jiddgħajef l-iffinanzjar għall-politika ambjentali; iħeġġeġ lid-DG ENV sabiex jaħdem f'koperazzjoni mill-qrib mad-DG l-oħra sabiex ikun żgurat li l-opportunitajiet għall-integrazzjoni tal-politiki u għas-sinerġiji ta' bejniethom tkun utilizzata għal kollox;
10. Jitlob li jkun hemm użu sistematiku tal-kriterji ambjentali fil-proċeduri ta' akkwist li jinvolvu approprjazzjonijiet tal-Komunità, bħal m'huma s-sejħiet għall-offerti u l-ġoti ta' kuntratti.
11. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tħejji rapport dwar l-isforzi tagħha, ħalli tkabbar l-għarfien tas-Sitt Programm t'Azzjoni Ambjentali u tal-kontenut tiegħu li fuqu sar qbil u li jikkonsisti fi strateġiji tematiċi fi ħdan il-Kummissjoni nfisha.

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Is-Sena 2007 hija l-ewwel sena tal-qafas finanzjarju l-ġdid ta' seba' snin li sar qbil dwaru mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill f'April. Inevitabbilment, il-konsegwenzi tal-ftehim ta' ntlaħqet jirriżultaw fl-abbozz preliminari ta' baġit għall-2007. Minkejja l-konsensus wiesa' favur ftehim, kienet kemm kienet meqjusa inadegwata sa mill-bidu, huwa ċar li l-implikazzjonijiet tal-ftehim milħuqa se joħolqu tħassib serju.

L-oqsma tal-politika ta' l-ambjent, is-saħħa pubblika u s-sikurezza ta' l-ikel ukoll huma affettwati, imma b'modi differenti. Il-qafas finanzjarju l-ġdid jiffa' l-qasam tal-politika dwar l-**ambjent** taħt l-Intestatura 2, flimkien ma' l-agrikoltura, l-iżvilupp rurali u s-sajd. L-ikbar bidla Prattika hi li numru ta' strumenti u inizzjattivi kurrenti (LIFE, l-iffinanzjar ta' NGOs, Forest Focus, linji baġitarji għall-implimentazzjoni tal-politiki u għas-sostenn ta' l-iżvilupp) huma miġbura fi programm wieħed ġdid, il-LIFE+. Barra minn hekk, il-programmi kurrenti għall-Protezzjoni Ċivili u għat-Tniġġis tal-Baħar huma inkorporati fl-Istrument il-ġdid għal Stat ta' Tħejija Għal Reazzjoni Rapida (ir-Rapid Response Preparedness Instrument). It-tielet novità hija t-trasferiment tal-parti l-kbira ta' l-attivitajiet esterni (bħal-LIFE għal Pajjiżi Terzi, li għaddej bħalissa) għal strumenti mmaniġġjati mid-DGs responsabbli għal politiki esterni.

Mill-pużizzjoni finanzjarja, ir-riżorsi għall-qasam tal-politika ambjentali ser jizjed bi ftit (+7%) fl-2007 meta mqabbel ma' l-2006. Madanakollu, iż-żieda l-kbira f'forma ta' fondi allokat fi ħdan il-LIFE+ għall-immaniġjar tan-Natura 2000, kif spera l-Parlament fl-ewwel qari, ma seħx. Il-Parlament kellu jaċċetta il-prinċipju li l-finanzi tan-Natura 2000 jiġu integrati fil-fondi ta' koeżjoni u ta' l-iżvilupp rurali. Dan iħalli d-deċizzjoni u r-responsabilità finali dwar kemm mill-fondi ta' l-UE huma allokat għall-immaniġġjar tan-Natura 2000 f'idejn kull Stat Membru. Il-prinċipju li l-oġettivi ambjentali jingħataw importanza fuq politiki oħra huwa estremament importanti. Dan madankollu, mhux ser isir awtomatikament u miġhajr sforz politiku, għaliex prijoritajiet politiċi oħra jikkompetu ma' l-ambjent għall-istess fondi. L-istess japplika, ta' l-anqas sa ċertu punt, għall-miżuri ta' eko-innovazzjoni fi ħdan il-Programm għar-Riċerka u l-Kompetittività u l-Innovazzjoni u l-attivitajiet internazzjonali taħt l-Intestatura 4.

Is-Saħħa u s-Sikurezza ta' l-ikel qed jitpoġġew taħt l-Intestatura 3b, Ċittadinanza, l-iżgħar mill-intestaturi kollha taħt il-qafas finanzjarju l-ġdid. Meta mqabbla mal-pożizzjoni ta' negozjati meħuda mill-Istati Membri dwar il-Perspettivi Finanzjarji f'Diċembru 2005, li kienet tħalli l-attivitajiet taħt din l-intestatura b'nuqqas serju ta' fondi, il-Parlament irnexxielu jtejjeb ftit is-sitwazzjoni fin-negozjati mal-Kunsill din ir-Rebbiegħa. Fir-realtà, iż-żieda miksuba bilkemm hija biżżejjed sabiex il-qasam ta' politika dwar is-saħħa u s-sikurezza ta' l-ikel jinżamm fil-livell modest eżistenti. Din is-sitwazzjoni ser tkun fl-aġar tagħha fl-2007. Il-Programm għas-Saħħa ser isofri l-aktar, minkejja l-appoġġ kbir min-naħa tal-Parlament fl-ewwel qari sabiex jiġi allokat ammont konsiderevoli akbar ta' fondi għalih minn qabel u b'hekk isir prijorità politika b'mod ċar. Sorprendentament, meta mqabbel mal-proposta oriġinali tal-Kummissjoni għal programm konġunt ta' politika dwar is-saħħa u l-konsumatur 2007-2013, l-ammont li issa qed jiġi propost għall-Programm għas-Saħħa, tnaqqas b'ammont akbar mit-tnaqqis li sar fil-Programm għall-ħarsien tal-Konsumatur. Fil-proposta oriġinali, il-mod kif qed jitqassmu l-fondi għall-programmi ta' politika tas-saħħa u tal-konsumatur kien 80/20 u issa meta l-programm inqasam fi tnejn, il-mod kif qed jitqassmu l-fondi huwa 70/30. Fl-2007, dan ser ikun ifisser baġit imnaqqas b'mod ċar għall-Programm għas-Saħħa meta

mqabbel ma' din is-sena (€40 miljun minflok €55,4 miljun).

Il-fatt hu li ż-żewġ aġenziji, l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà ta' l-Ikel (l-EFSA) u ċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (l-ECDC), li għadhom fil-fażi ta' żvilupp tagħhom, se jieħdu 57% tal-fondi totali għall-oqsma tal-politika tas-saħħa, tal-ħarsien tal-konsumatur u tas-sikurezza ta' l-ikel fl-2007 u aktar minn 60% matul il-perjodu kollu mill-2007-2013. Anke b'dawn il-figuri, l-ammonti allokat i jstgħu biss jitqiesu bħala l-ammonti minimi xierqa. Wieħed għandu jiftakar li xi attivitajiet li issa huma ffinanzjati permezz tal-Programm għal Azzjoni fil-Qasam tas-Saħħa (pereżempju, in-netwerks ta' sorveljanza) 'il quddiem se jkunu mmaniġġjati u ffinanzjati mill-ECDC.

Ġaladarba l-marġini fl-Intestatura 3b huwa dejjaq ħafna, mhux se jkun hemm wisq spazju għal inizjattivi politiċi ġodda b'konsegwenzi finanzjarji fl-oqsma tal-politiki għas-saħħa, għall-ħarsien tal-konsumatur u għas-sikurezza ta' l-ikel fis-snin li ġejjin.

Rigward il-baġit ta' l-2007, il-Fond għar-Riċerka u l-Informazzjoni fil-qasam tat-Tabakk, se jkompli jiffinanzja l-kampanja tal-Kummissjoni kontra t-tipjip (il-kampanja 'Help') bi €13.5 miljun. L-ammont huwa daqsxejn iżgħar minn dak ta' l-2006, minħabba li l-metodu ta' kalkolu hu bbażat fuq iż-żamma ta' perċentaġġ tal-primjums għall-produtturi tat-tabakk.

Taħt l-Intestatura 1, l-iffinanzjar għall-**Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (l-EMEA)** żdied kemm kemm meta mqabbel ma' l-2006. Il-fondi maħsuba biex titwaqqaf l-**Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi** l-ġdida ġew mitfugħa fir-riserva filwaqt li qed tkun mistennija l-adozzjoni tar-regolament li jstabbiliha.

PROĊEDURA

Titolu	L-abbozz ta' baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 - Taqsima III - Kummissjoni
Numru tal-proċedura	2006/2018(BUD)
Kumitat responsabbli	BUDG
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI
Koperazzjoni aktar mill-qrib - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	
Data tal-hatrad	Jutta D. Haug 23.1.2006
Rapporteur għal opinjoni	Jutta D. Haug
Eżami fil-kumitat	6.7.2006
Data ta' l-adozzjoni	13.9.2006
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 38 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Adamos Adamou, Georgs Andrejevs, Liam Aylward, Irena Belohorská, John Bowis, Chris Davies, Avril Doyle, Mojca Drčar Murko, Anne Ferreira, Matthias Groote, Françoise Grossetête, Dan Jørgensen, Christa Klaß, Eija-Riitta Korhola, Peter Liese, Jules Maaten, Linda McAvan, Marios Matsakis, Vittorio Prodi, Dagmar Roth-Behrendt, Guido Sacconi, Karin Scheele, Horst Schnellhardt, Richard Seeber, Kathy Sinnott, Bogusław Sonik, Antonios Trakatellis, Thomas Ulmer, Anja Weisgerber
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Giovanni Berlinguer, Milan Gaľa, Vasco Graça Moura, Rebecca Harms, Jutta D. Haug, Erna Hennicot-Schoepges, Karsten Friedrich Hoppenstedt, Miroslav Mikolášik, Frithjof Schmidt
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	
Kummenti (disponibbli b'lingwa waħda biss)	